MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Numru 132/2011

**ILLUM 16 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Marco Micallef

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 25065(M);

Akkuzat talli fid-9 ta' Jannar 2011 ghall-habta tas-6.30pm gewwa Triq is-Salib Mqaddes Birkirkara u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. B'atti esteni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Marthese Micallef, ID 213968 (M), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta

tieghu u dan ai termini tal-Artikoli 41(1)(a) u Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja f'periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Marthese Micallef ID 213968 (M) hekk kif ccertifikat Dr Paul Scarrod Med Reg 3112 tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament kisr il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai termini tal-Artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu Marthese MIcallef, ID 213968 (M), weggghaha bi kliem jew b'xi mod iehor ai termini tal-Artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Saq l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba titratta mal-imputat Marco Micallef talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat

Din hi kawza li fiha l-imputat hu akkuzat li fil-gurnata u hin indikati fit-tahrigka ttanta jaghmel offiza gravi lil martu, li ma sehhitx, izda, li minhabba f'hekk sofriet griehi ta' natura hafifa. Issa, mill-provi li semghet il-Qorti jirrizulta li l-ferita hija ta' natura hafifa izda difficilment tista' tirrizulta

dik tal-attentat ta' ferita gravi. Mix-xhieda ta' mart l-imputat hi stess tghid li r-ragel taghha (l-imputat) saq ghal fuqha u zamm 'il-break' appena wasal hdejh. Il-Qorti temmen li l-imputat ried ibezzaghha altru milli jaghmlilha xi deni fuq il-persuna taghha. Apparti hemm xhieda ta' pulizija li l-kwerelanti (martu) kienet xorbot u fis-sakra.

Tiddeciedi ghalhekk li ssib lill-imputat hati talli saq b'manjiera perikoluza u stane r-rinunzja tieqaf milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tieni u r-raba' akkuza. Issibu pero hati tat-tielet u l-hames.

Rat l-Artikolu 15 tal-Kap 65. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn millum. Tikkundannah multa u ammenda komplessiva ta' 230 Euro li jithallsu 20 Euro fix-xahar u tissospendieh mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------